DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2520

tal-20 ta' Diċembru 2022

dwar l-arranġamenti speċifiċi għall-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni tas-sistema e-CODEX

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar sistema kompjuterizzata għall-iskambju elettroniku transfruntier ta' data fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1)(c) tiegħu,

Billi:

(1) Huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti l-arranġamenti dettaljati għall-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni għat-trasferiment tas-sistema e-CODEX mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX lill-eu-LISA.

(2) Dawn l-arranġamenti jenħtieġ li jinkludu l-kriterji għal proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni b'suċċess u għat-tlestija b'suċċess ta' dak il-proċess u d-dokumentazzjoni relatata.

(3) L-arranġamenti dettaljati ta' trasferiment jenħtieġ li jistabbilixxu wkoll dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew id-drittijiet ta' użu relatati mas-sistema e-CODEX u l-prodotti tas-software ta' appoġġ tagħha, id-dokumentazzjoni u assi oħra li d-dokument komuni ta' trasferiment jenħtieġ li jistabbilixxi biex l-eu-LISA tkun tista' twettaq ir-responsabbiltajiet u l-kompiti tagħha.

(4) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, id-Danimarka ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/850 u għaldaqstant mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(5) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 u l-Artikolu 4a(1) tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda ma ħaditx sehem fl-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2022/850 u għaldaqstant mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(6) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) u ta l-opinjoni tiegħu fl-24 ta' Novembru 2022.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-kumitat stabbilit mill-Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) 2022/850,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-arranġamenti dettaljati għall-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni tas-sistema e-CODEX imsemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2022/850 għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([1]) ĠU L 150, 1.6.2022, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Artikolu 2

Il-kriterji għal proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni b'suċċess u għat-tlestija b'suċċess ta' dak il-proċess u d-dokumentazzjoni relatata, imsemmija fl-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) 2022/850 għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Id-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew id-drittijiet ta' użu relatati mas-sistema e-CODEX li għandhom jiġu inklużi fid-dokument komuni ta' trasferiment għandhom ikunu kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Diċembru 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Arranġamenti speċifiċi għall-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni tas-sistema e-CODEX

1. **INTRODUZZJONI**

Għandu jsir proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni bejn l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA. Sa meta jsir it-trasferiment, l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX għandu jkollha responsabbiltà sħiħa għaliha u għandha tiżgura li ma jsir ebda tibdil fis-sistema e-CODEX u li ma jsir ebda rilaxx ta' software ġdid ħlief għall-fini li titwettaq manutenzjoni korrettiva tas-sistema e-CODEX.

L-objettiv ta' dawn l-arranġamenti speċifiċi huwa li jispeċifikaw:

— l-arranġamenti dettaljati għat-trasferiment tas-sistema e-CODEX lill-eu-LISA;

— il-kriterji għal proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni b'suċċess u għat-tlestija b'suċċess ta' dak il-proċess u d-dokumentazzjoni relatata;

— id-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew id-drittijiet ta' użu relatati mas-sistema e-CODEX u l-prodotti tas-software ta' appoġġ, id-dokumentazzjoni u assi oħra (elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1])).

Abbażi tal-arranġamenti speċifiċi għall-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni stabbiliti f'dan l-Anness, l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX għandha, f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2022/850, tippreżenta dokument komuni ta' trasferiment lill-eu-LISA sal-31 ta' Diċembru 2022. Mudell għal dan id-dokument komuni ta' trasferiment jinsab fl-appendiċi ta' dan l-Anness.

Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni sabiex tiżgura li l-arranġamenti dettaljati għat-trasferiment tas-sistema e-CODEX jiġu implimentati b'mod korrett.

Skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament (UE) 2022/850, l-eu-LISA għandha tassumi r-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX fid-data li fiha l-Kummissjoni tiddikjara t-tlestija b'suċċess tal-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni, bejn l-1 ta' Lulju 2023 u l-31 ta' Diċembru 2023, wara konsultazzjoni mal-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA.

2. **STADJI EWLENIN**

(a) Data ta' konsenja tad-dokument komuni ta' trasferiment: sal-31 ta' Diċembru 2022;

(b) Proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni: Fil-perjodu ta' sitt xhur wara l-konsenja tad-dokument komuni ta' trasferiment;

(c) Il-laqgħa introduttiva tal-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni għandha ssir f'Jannar 2023, id-data eżatta għandha tiġi miftiehma bejn l-eu-LISA, l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-Kummissjoni;

(d) Trasferiment tar-responsabbiltà lill-eu-LISA: sal-31 ta' Diċembru 2023, iżda mhux qabel l-1 ta' Lulju 2023.

3. **PROĊESS TA' TRASFERIMENT U AKKWIŻIZZJONI**

Il-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni jibda bil-preżentazzjoni ta' dokument komuni ta' trasferiment mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX lill-eu-LISA. L-eu-LISA għandha tivverifika u tikkonferma li l-informazzjoni rilevanti kollha hija inkluża fid-dokument komuni ta' trasferiment biex jiġi żgurat trasferiment b'suċċess. Dan id-dokument komuni ta' trasferiment għandu jinkludi informazzjoni dettaljata dwar, mill-inqas, il-punti li ġejjin:

(a) l-ippjanar tal-attivitajiet kollha li għandhom jitwettqu kif speċifikat f'dan l-Anness, inklużi laqgħat ta' sinkronizzazzjoni, taħriġ, ittestjar, eċċ.;

([1]) Ir-Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar sistema kompjuterizzata għall-iskambju elettroniku transfruntier ta' *data* fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 150, 1.6.2022, p. 1).

(b) l-assi u l-artefatti kollha li għandhom jiġu mgħoddija fil-bidu tal-perjodu ta' trasferiment u fi tmiemu (trasferiment inizjali ta' assi u trasferiment finali ta' assi). Id-definizzjoni ta' "trasferiment inizjali ta' assi" u "trasferiment finali ta' assi" tinsab fl-appendiċi ta' dan l-Anness;

(c) is-sessjonijiet ta' taħriġ, is-sessjonijiet ta' ħidma, is-sessjonijiet ta' informazzjoni u s-sessjonijiet ta' shadowing kollha li se jiġu skedati;

(d) il-proċeduri ta' ħidma kollha fis-seħħ tal-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX. F'każ li dawn il-proċeduri ma jiġux dokumentati, għandhom jiġu identifikati, dokumentati u mgħoddija b'mod ċar lill-eu-LISA;

(e) id-dettalji ta' kuntatt tal-partijiet kollha involuti matul il-perjodu kollu tal-attivitajiet ta' trasferiment u akkwiżizzjoni, flimkien ma' matriċi ta' rwoli u responsabbiltajiet;

(f) kriterji ta' suċċess ċari, verifikabbli u oġġettivi għall-valutazzjoni tal-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni;

(g) speċifikazzjonijiet tat-test biex tiġi vvalutata l-eżekuzzjoni korretta tal-proċess ta' akkwiżizzjoni;

(h) id-dispożizzjonijiet dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali jew id-drittijiet ta' użu relatati mas-sistema e-CODEX u l-prodotti tas-software ta' appoġġ, id-dokumentazzjoni u assi oħra elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jippermettu lill-eu-LISA twettaq ir-responsabilitajiet tagħha f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2022/850.

L-għan tad-dokument komuni ta' trasferiment huwa li jipprovdi għodda għal migrazzjoni trasparenti, bla xkiel u kompleta tas-servizzi tal-IT mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX għall-eu-LISA, permezz ta' monitoraġġ mill-Kummissjoni.

Dan għandu jiddeskrivi l-mezzi kollha li għandhom jiġu stabbiliti mill-eu-LISA u l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX biex tiġi żgurata din it-tranżizzjoni bla xkiel.

Eżempju tal-istruttura ta' tali dokument jinsab fl-appendiċi ta' dan l-Anness. Jista' jiġi adattat kif meħtieġ, sakemm ikun fih informazzjoni dettaljata dwar il-punti elenkati f'din it-taqsima.

Kemm l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX kif ukoll l-eu-LISA għandhom jipproduċu rispettivament sat-30 ta' Ġunju 2023 rapporti ta' trasferiment u akkwiżizzjoni dwar ir-riżultati tal-attivitajiet imwettqa, biex il-Kummissjoni Ewropea tkun tista' taġġorna lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill sal-31 ta' Lulju 2023 dwar il-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni (ara l-punti 5 u 6 ta' dan l-Anness).

Il-format u l-mezzi ta' trasferiment (eż. spazju ta' kollaborazzjoni komuni bħall-"Appoġġ Bażiku għal Ħidma Kooperattiva" preċedenti, iċ-Ċentru ta' Riżorsi ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għall-Amministraturi, in-Negozji u ċ-Ċittadini — CIRCABC, l-aċċess għar-repożitorji attwali, eċċ.) ta' kull artefatt għandhom jiġu miftiehma b'mod reċiproku bejn l-eu-LISA u l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX, filwaqt li titqies is-sistema fil-mira li għandha tintuża fl-ambjent tal-eu-LISA.

Ir-rekwiżiti tal-infrastruttura u tas-sigurtà għal kull assi għandhom jiġu indirizzati fid-dokumentazzjoni tal-komponent rilevanti u/jew fil-masterclass imsemmija.

Lista mhux eżawrjenti tal-komponenti tas-sistema e-CODEX, il-prodotti tas-software ta' appoġġ, id-dokumentazzjoni u assi oħra huwa ppreżentati fit-tabella li ġejja.

Tabella sommarja tal-komponenti, l-artefatti u l-attivitajiet ta' appoġġ għat-trasferiment:

	Komponent	Artifatti	Appoġġ għat-Trasferiment
Elementi li għandhom jiġu żviluppati u operati	Għodda għall-Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni - CMT	Kodiċi tas-Sors Bażi tad-*Data* tal-Konfigurazzjoni u Dokumentazzjoni tal-pModes Dump tal-bażi tad-*data* fl-istadji ta' trasferiment inizjali u finali.	Dokumentazzjoni Masterclass "CMT" Żvilupp u manutenzjoni, installazzjoni, konfigurazzjoni, tħaddim u individwazzjoni ta' soluzzjoni
	Pjattaforma Ċentrali tal-Ittestjar - CTP	Kodiċi tas-Sors Dokumentazzjoni Dump tal-bażi tad-*data* fl-istadji ta' trasferiment inizjali u finali.	Dokumentazzjoni Masterclass "CTP" Żvilupp u manutenzjoni, installazzjoni, konfigurazzjoni, tħaddim u individwazzjoni ta' soluzzjoni
	Server tar-Repożitorju (bħalissa: Nexus)	Repożitorji	Masterclass "Żvilupp u infrastruttura"
	Server tal-Integrazzjoni (bħalissa: Jenkins)	Elementi ta' Integrazzjoni	
	Repożitorju tal-Kodiċi tas-Sors (bħalissa: Gitblit)	Kodiċi tas-Sors	
	Sit web e-CODEX	Kontenut tas-sit web e-CODEX	Masterclass "Ħarsa Ġenerali lejn l-e-CODEX"
Elementi li għandhom jiġu żviluppati u mwettqa	Arkitettura e-CODEX	Sit web e-CODEX Dokumentazzjoni	Dokumentazzjoni Masterclass "Ħarsa Ġenerali lejn l-e-CODEX"
	Connector Suite	Għal kull komponent (Konnettur, Client, Plugin, Librerija tas-Sigurtà, Utilitajiet, eċċ): Kodiċi tas-Sors Dokumentazzjoni	Dokumentazzjoni Masterclass "Konnettur"
	Skemi tal-każ ta' użu: — Ordni ta' Ħlas Ewropea — Talbiet Żgħar — Mandat ta' Arrest Ewropew — Penalitajiet Finanzjarji — MLA — FD 909 (Sentenzi ta' Kustodja) — Kwistjonijiet matrimonjali — Ordni tal-Preservazzjoni tal-Kontijiet tal-UE — Reġistru tat-Testmenti — Notifika ta' dokumenti	Skemi Mudell tal-Proċess tan-Negozju Vokabularju Ewlieni tal-e-Ġustizzja tal-UE (l-aċċess għandu jingħata permezz tal-għodda "Metadata Workbench")	Dokumentazzjoni Masterclass "Skemi"
Elementi oħra	Biljetti tal-e-CODEX	Il-biljetti kollha inklużi l-istatus kollha (għal skopijiet tal-ġestjoni tal-għarfien)	Masterclass "Konnettur" Dump tal-bażi tad-*data* bid-*data* kollha
	Pjan Direzzjonali dwar il-Connector Suite e-CODEX	Sit web e-CODEX	Masterclass "Konnettur"
	Rekwiżiti tas-Sigurtà e-CODEX	Dokument	Masterclass "Konnettur"

4. **ATTIVITAJIET**

(a) Attivitajiet ta' taħriġ

L-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX għandha tħejji lista ta' moduli ta' taħriġ biex tiżgura t-trasferiment sħiħ tal-għarfien lill-eu-LISA.

Il-materjali tat-taħriġ u l-ħtiġijiet tal-ippjanar għandhom jiġu definiti u miftiehma bejn l-atturi kollha involuti għal kull modulu ta' taħriġ u masterclass. B'mod partikolari, jekk l-eu-LISA tqis li huma meħtieġa, għandha titħalla titlob u tirċievi moduli ta' taħriġ u masterclasses addizzjonali.

L-ippjanar u l-iskedar speċifiċi tas-sessjonijiet ta' taħriġ, tas-sessjonijiet prattiċi u tas-sessjonijiet ta' shadowing (fejn it-tim tal-eu-LISA jista' jitgħallem billi josserva t-tim tekniku tal-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX) għandhom jiġu dettaljati fid-dokument komuni ta' trasferiment.

Lista minima u mhux eżawrjenti ta' taħriġ li għandu jiġi pprovdut hija inkluża fit-tabella li ġejja:

Titolu	Kontenut tal-modulu	Tip ta' Dok
Materjali tat-Taħriġ - Modulu 1: Masterclass "Ħarsa Ġenerali lejn l-e-CODEX"	Matul din l-ewwel Masterclass, il-parteċipanti se jiksbu ħarsa ġenerali lejn x'jinvolvi l-e-CODEX, inkluż ħarsa ġenerali lejn l-arkitettura bażika tal-e-CODEX, il-prinċipji ġenerali tal-e-CODEX u ħarsa ġenerali storika qasira lejn kif inħoloq l-e-CODEX. Dan il-modulu huwa prinċipalment ibbażat fuq fatti teoretiċi.	Preżentazzjoni PPT u Materjali tas-Sillabu e-CODEX
Materjali tat-Taħriġ - Modulu 2: Masterclass "Konnettur"	Matul din il-Masterclass, il-parteċipanti se jirċievu spjegazzjoni fil-fond dwar il-Connector Suite u l-prodotti/il-komponenti differenti tiegħu, inkluża r-relazzjoni mal-gateway. Dan il-modulu jikkonsisti f'parti teoretika, taħriġ prattiku u sessjoni(jiet) ta' shadowing fakultattiva/i, inklużi l-installazzjoni, l-individwazzjoni ta' soluzzjonijiet u l-appoġġ tekniku.	Preżentazzjoni PPT u Materjali tas-Sillabu e-CODEX
Materjali tat-Taħriġ - Modulu 3: Masterclass "Skemi"	Matul din il-Masterclass, il-parteċipanti se jsiru familjari mal-iskemi tad-*data* żviluppati mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX. L-enfasi se tkun ukoll fuq il-Metadata Workbench li fih qed jiġi amministrat il-Vokabularju Ewlieni tal-e-Ġustizzja tal-UE u fuq it-teknika tal-immudellar tal-proċess tan-negozju. Dan il-modulu jikkonsisti f'parti teoretika, taħriġ prattiku u sessjoni(jiet) ta' shadowing fakultattiva/i.	Preżentazzjoni PPT u Materjali tas-Sillabu e-CODEX
Materjali tat-Taħriġ - Modulu 4: Masterclass "CMT"	Matul din il-Masterclass, il-parteċipanti se jsiru familjari mal-karatteristiċi u l-proċessi tal-Għodda għall-Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni. Is-CMT hija għodda online għall-ġestjoni tal-ġbir tad-*data* tal-parteċipanti u d-distribuzzjoni tal-fajls tal-konfigurazzjoni e-CODEX. Dan il-modulu jikkonsisti f'parti teoretika, taħriġ prattiku u sessjoni(jiet) ta' shadowing fakultattiva/i.	Preżentazzjoni PPT u Materjali tas-Sillabu e-CODEX

Titolu	Kontenut tal-modulu	Tip ta' Dok
Materjali tat-Taħriġ - Modulu 5: Masterclass "CTP"	Matul din il-Masterclass, il-parteċipanti se jsiru familjari mal-karatteristiċi u l-proċessi tal-Pjattaforma Ċentrali tal-Ittestjar u l-istrateġija tal-ittestjar. Is-CTP tipprovdi ambjent sħiħ ta' ttestjar e-CODEX u interfaċċa web biex jintbagħtu u jiġu riċevuti messaġġi tat-test personalizzabbli. Dan il-modulu jikkonsisti f'parti teoretika, taħriġ prattiku u sessjoni(jiet) ta' shadowing fakultattiva/i.	Preżentazzjoni PPT u Materjali tas-Sillabu e-CODEX
Materjali tat-Taħriġ - Modulu 6: Masterclass "Żvilupp u infrastruttura"	Matul din il-Masterclass, il-parteċipanti se jkomplu jiddiskutu suġġetti ta' żvilupp u infrastruttura, bħall-ġestjoni tas-server tar-repożitorji. Dan il-modulu jikkonsisti f'parti teoretika, taħriġ prattiku u sessjoni(jiet) ta' shadowing fakultattiva/i.	Preżentazzjoni PPT u Materjali tas-Sillabu e-CODEX
Materjali tat-Taħriġ - Modulu 7: Masterclass "Debugging"	Matul din il-masterclass, il-parteċipanti se jitgħallmu dwar id-detezzjoni u l-korrezzjoni tal-bugs potenzjali fis-sistema e-CODEX u r-riżoluzzjoni tal-problemi, inkluż ir-riżoluzzjoni ta' talbiet għal appoġġ. Dan il-modulu jikkonsisti f'parti teoretika, taħriġ prattiku u sessjoni(jiet) ta' shadowing fakultattiva/i.	Preżentazzjoni PPT u Materjali tas-Sillabu e-CODEX

(b) Trasparenza tal-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni

Il-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni għandu jkun trasparenti għall-utenti finali, filwaqt li jimminimizza l-impatt fuq il-proċeduri ta' ħidma u l-attivitajiet ta' kuljum tagħhom. L-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX għandha tiżgura u tkompli tipprovdi appoġġ tekniku lill-entitajiet li joperaw jew tinstalla punti ta' aċċess e-CODEX awtorizzati sakemm l-eu-LISA tassumi r-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX.

(c) Responsabbiltà tal-eu-LISA u tal-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX matul il-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni

F'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (UE) 2022/850, sa meta jsir it-trasferiment, l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX għandu jkollha responsabbiltà sħiħa għaliha u għandha tiżgura li ma jsir ebda tibdil fis-sistema e-CODEX u li ma jsir ebda rilaxx ta' software ġdid ħlief għall-fini li titwettaq manutenzjoni korrettiva tas-sistema e-CODEX.

Għal dan l-għan, l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX, għandha tkompli tipprovdi manutenzjoni u appoġġ tal-komponenti matul dan il-perjodu.

Għat-talbiet kollha għal appoġġ, l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX għandha tkun il-punt uniku ta' kuntatt sakemm l-eu-LISA tassumi r-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX.

L-eu-LISA tista' titlob li t-talbiet għal appoġġ riċevuti mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX qabel ma l-eu-LISA tassumi r-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX jiġu kkomunikati lill-persunal maħtur fl-eu-LISA li għandu jitħalla jsegwi l-passi ta' riżoluzzjoni mwettqa mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX.

L-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX għandha ssolvi t-talbiet kollha għal appoġġ irċevuti qabel l-eu-LISA tassumi r-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX. Huwa biss meta jkun iġġustifikat għal raġunijiet tekniċi oġġettivi li l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX tista' taqbel mal-eu-LISA dwar it-trasferiment tat-talbiet għal appoġġ riċevuti minnha, iżda li ma jistgħux jiġu solvuti saż-żmien tat-trasferiment tar-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX lill-eu-LISA. L-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX għandha tiżgura li tali ftehim ma jkollu l-ebda impatt fuq l-utent finali u li ma jimplika l-ebda dewmien fis-soluzzjoni tat-talba għal appoġġ. Dan il-ftehim se jiġi fformalizzat taħt il-kriterju ta' suċċess numru 6 fil-punt 5 ta' dan l-Anness.

L-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX għandha tipprovdi lill-eu-LISA b'lista eżawrjenti ta' utenti tas-sistema e-CODEX, li l-eu-LISA għandha tinnotifika li ħadet ir-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX fi żmien 30 jum wara li jsir it-trasferiment.

L-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX għandha tappoġġa lill-eu-LISA u tassistiha kif meħtieġ sal-31 ta' Marzu 2024.

Għal kull komponent, l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX tista' tissuġġerixxi lista ta' żviluppi li għandhom isiru fir-rigward tal-ħtiġijiet tal-utenti.

5. KRITERJI GĦAL PROĊESS TA' TRASFERIMENT B'SUĊĊESS

	Kriterji	Indikatur ta' monitoraġġ	Mezz ta' verifika	Skadenza
1	Trasferiment tal-għarfien tal-komponenti differenti tas-sistema e-CODEX	Is-sessjonijiet ta' taħriġ kollha li saru.	Formoli ta' reġistrazzjoni mimlija u materjali ta' taħriġ mogħtija lill-eu-LISA	Sal-1 ta' Lulju 2023
2	Trasferiment tal-komponenti kollha tas-sistema e-CODEX	L-assi kollha kkonsenjati u kompluti	Rikonoxximent espliċitu mill-eu-LISA	Sal-1 ta' Lulju 2023
3	Stabbiltà teknika tas-sistema e-CODEX (il-komponenti kollha)	L-aħħar 2 verżjonijiet prodotti mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX.	Verżjoni stabbli tas-sistema e-CODEX, jiġifieri pakkett li jista' jintuża fil-produzzjoni u li jiżgura l-integrità tal-iskambji kollha li jsiru f'din il-verżjoni.	Sal-31 ta' Diċembru 2022
4	Allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti fl-eu-LISA	Il-kompożizzjoni tat-tim e-CODEX (inkluż il-persunal tekniku li għandu jitħarreġ) ikkomunikata mill-eu-LISA lill-Kummissjoni u lill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX.	Notifika mill-eu-LISA lill-Kummissjoni u lill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX	Sal-1 ta' Jannar 2023
5	Trasferiment ta' drittijiet ta' proprjetà intellettwali u drittijiet ta' użu	It-trasferiment tas-sistema e-CODEX u l-prodotti tas-software ta' appoġġ, id-dokumentazzjoni u assi oħra elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2022/850 imwettqa bid-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u d-drittijiet ta' użu kollha.	1. Dikjarazzjoni eżawrjenti mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u d-drittijiet ta' użu rigward il-komponenti kollha tas-sistema e-CODEX u l-prodotti tas-software ta' appoġġ, id-dokumentazzjoni u assi oħra elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2022/850. 2. Dikjarazzjoni mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX li hija u l-membri tagħha huma legalment f'pożizzjoni li jittrasferixxu lill-eu-LISA d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u d-drittijiet ta' użu kollha msemmija fil-punt 1 b'mod li jippermetti lill-eu-LISA twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2022/850.	Sad-data tat-talba konġunta mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA lill-Kummissjoni biex tiddikjara t-tlestija b'suċċess tal-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni

	Kriterji	Indikatur ta' monitoraġġ	Mezz ta' verifika	Skadenza
			3. Dikjarazzjoni mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX tat-trasferiment totali u mingħajr ħlas lill-eu-LISA tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u d-drittijiet ta' użu kollha msemmija fil-punt 1.	
6	Soluzzjoni tat-talbiet kollha għal appoġġ irċevuti mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX qabel ma l-eu-LISA tassumi r-responsabbiltà għas-sistema e-CODEX	It-talbiet kollha għal appoġġ riċevuti mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX qabel ma l-eu-LISA tassumi r-responsabbiltà għaliha ġew magħluqa jew il-ftehim li t-talbiet se takkwiżixxihom rikonoxxut mill-eu-LISA	1. Lista tat-talbiet għal appoġġ miftuħa mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX. 2. Ftehim bejn l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA biex it-talbiet takkwiżixxihom, b'dikjarazzjoni espliċita mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX li l-ftehim ma għandu l-ebda impatt fuq l-utent finali u li dan ma jimplika l-ebda dewmien fis-soluzzjoni tat-talba għal appoġġ.	Sad-data tat-talba konġunta mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA lill-Kummissjoni biex tiddikjara t-tlestija b'suċċess tal-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni
7	Ftehim bejn l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA dwar it-tlestija b'suċċess tal-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni -31ta'Diċembru2023	Ftehim bejn l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u eu-LISA dwar l-issodisfar tal-kriterji għal proċess ta' trasferiment b'suċċess u għat-tlestija b'suċċess ta' dak il-proċess	Talba konġunta mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA lill-Kummissjoni biex tiddikjara t-tlestija b'suċċess tal-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni	Bejn l-1 ta' Lulju u l-

6. KRITERJI GĦAL PROĊESS TA' TRASFERIMENT B'SUĊĊESS

Għal kull artefatt u għal kull assi ttrasferit, l-għan tal-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni huwa li jiġi żgurat li s-sistema e-CODEX, l-għarfien tan-negozju, l-għarfien tekniku, u l-aħjar prattiki u tekniki kkonċernati mis-servizzi pprovduti mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX ġew akkwiżiti b'mod korrett mill-eu-LISA, wara t-tlestija ta' proċess ta' ttestjar.

L-ambitu tal-proċess tat-test ta' akkwiżizzjoni huwa li jikkonsisti fl-eżekuzzjoni ta' każijiet tat-test imħejjija biex jagħtu prova li l-għarfien tan-negozju nkiseb mill-eu-LISA u teżisti tħejjija għall-attivitajiet previsti li se jiġu akkwiżiti. L-ispeċifikazzjonijiet tat-test għandhom ikunu provduti mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX.

Meta l-eżekuzzjoni tat-test ma tirnexxix, il-livell tal-impatt tiegħu għandu jiġi ddeterminat kif ġej:

Livell tal-impatt	Effett fuq is-servizz
1	Is-servizz ma jistax jitwettaq
2	Is-servizz(i) korrispondenti ma jistax/jistgħux jitwettaq/jitwettqu kif suppost u l-problema ma tistax tiġi evitata.
3	Impatt żgħir fuq is-servizz(i) korrispondenti.

Il-każijiet tat-test għandhom ikopru proċessi speċifiċi li huma applikabbli għall-assi akkwiżiti. Il-każijiet tat-test għandhom jiġu raggruppati skont il-proċess ewlieni; l-eżekuzzjoni tal-każijiet tat-test kollha ta' proċess ewlieni għandha tipprova l-istat ta' tħejjija tal-eu-LISA.

L-eżekuzzjoni tat-test għandha tikkonkludi meta jiġu ssodisfati l-kriterji ta' suċċess kollha li ġejjin:

(a) L-ebda difett fil-livell tal-impatt 1 ma huwa miftuħ. Jekk ikun hemm difett fil-livell tal-impatt 1:

(i) It-test għandu jiġi sospiż;

(ii) It-test għandu jiġi solvut;

(iii) Il-każ tat-test li ma rnexxiex u kwalunkwe każ assoċjat għandhom isiru mill-ġdid sakemm id-difett jiġi kkoreġut;

(iv) It-test għandu jiġi komplut b'suċċess.

(b) L-ebda difett fil-livell tal-impatt 2 ma huwa miftuħ;

(c) Massimu ta' 10 % tal-każijiet tat-test huma mmarkati b'difetti fil-livell tal-impatt 3.

Għal dan l-għan, mill-inqas il-kriterji li ġejjin għandhom jiġu ssodisfati u t-twettiq tagħhom għandu jkun muri mill-eu-LISA fl-iskadenzi stabbiliti fit-tabella li ġejja:

	Kriterju	Indikatur ta' monitoraġġ	Mezz ta' verifika	Skadenza
1	Trasferiment tal-għarfien tal-komponenti differenti tas-sistema e-CODEX	L-eu-LISA pparteċipat fis-sessjonijiet ta' taħriġ kollha li saru	Rikonoxximent mill-eu-LISA	Sal-1 ta' Lulju 2023
2	Trasferiment tal-komponenti kollha tas-sistema e-CODEX	Is-sorsi kollha rċevuti u d-dokumenti kompluti bis-sħiħ	Rikonoxximent mill-eu-LISA	Sal-1 ta' Lulju 2023
3	Allokazzjoni ta' riżorsi suffiċjenti fl-eu-LISA	1. Reklutaġġ ta' persunal tal-proġett e-CODEX sal-1 ta' Jannar 2023. 2. Ħatra tal-maniġer tal-proġett 3. Ħatra tal-persunal tekniku li għandu jitħarreġ	Rikonoxximent mill-eu-LISA	Sal-1 ta' Jannar 2023
4	Stabbiliment tal-Grupp Konsultattiv e-CODEX	Stabbiliment tal-Grupp Konsultattiv u laqgħat matul il-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni li jsiru mill-inqas kull xahrejn, skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2022/850	1. Konferma mill-eu-LISA tal-istabbiliment u l-kompożizzjoni tal-Grupp Konsultattiv e-CODEX u l-minuti mill-ewwel laqgħa tiegħu. 2. Minuti mill-ewwel tliet laqgħat tal-Grupp Konsultattiv e-CODEX.	Rigward il-punt 1: sat-28 ta' Frar 2023; Rigward il-punt 2: sat-30 ta' Ġunju 2023.
5	Stabbiliment tal-Bord Maniġerjali tal-Programm e-CODEX	Stabbiliment tal-Bord Maniġerjali tal-Programm e-CODEX u laqgħat matul it-trasferiment u l-akkwiżizzjoni skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2022/850	1. Konferma mill-eu-LISA tal-istabbiliment u l-kompożizzjoni tal-Bord Maniġerjali tal-Programm e-CODEX. 2. Minuti mil-laqgħat tal-Bord Maniġerjali tal-Programm e-CODEX matul il-proċess ta' trasferiment/akkwiżizzjoni.	Rigward il-punt 1: sal-1 ta' Jannar 2023; Rigward il-punt 2: sat-30 ta' Ġunju 2023

6	Trasferiment tad-*Data*	It-trasferiment tad-*data* rilevanti kollha inkluż iżda mhux limitat għal biljetti, kredenzjali tal-utent, eċċ. jiġi ttrasferit lill-eu-LISA fil-forma ta' dump ta' bażi tad-*data* jew fi kwalunkwe format ieħor miftiehem bejn l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA.	Rikonoxximent mill-eu-LISA	Sal-1 ta' Lulju 2023
7	Trasferiment tal-kronoloġija tal-kwistjonijiet kollha	Fil-forma ta' dump ta' bażi tad-*data* jew fi kwalunkwe format ieħor miftiehem bejn l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA.	Rikonoxximent mill-eu-LISA	Sal-1 ta' Lulju 2023
8	Trasferiment ta' kwistjonijiet mhux solvuti	Fil-forma ta' dump ta' bażi tad-*data* jew fi kwalunkwe format ieħor miftiehem bejn l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA.	Rikonoxximent mill-eu-LISA	Sad-data tat-talba konġunta mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA lill-Kummissjoni biex tiddikjara t-tlestija b'suċċess tal-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni
9	Trasferiment tal-ġestjoni tal-utenti, inklużi l-utenti finali (aċċess għas-CMT, għas-CTP...)	Fil-forma ta' dump ta' bażi tad-*data* jew fi kwalunkwe format ieħor miftiehem bejn l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA.	Il-kredenzjali kkomunikati, importati fl-infrastruttura tal-eu-LISA u l-aċċess għall-komponenti differenti jiġu vverifikati minn xi utenti finali.	Sal-1 ta' Lulju 2023
10	Trasferiment tal-attivitajiet tal-helpdesk: — Proċessi tal-Helpdesk — Ġestjoni tal-Inċidenti — Appoġġ Tekniku — Talba għal Servizz	Il-proċess huwa mifhum u l-proċeduri ta' ħidma huma stabbiliti biex it-tim ta' akkwiżizzjoni jwettaq il-kompiti tiegħu ta' kuljum.	L-għodda tal-biljetti disponibbli, aċċessibbli u l-biljetti kollha ġew trasferiti għall-għodda tal-eu-LISA (kaxxa postali funzjonali jekk teżisti, mudelli ta' appoġġ, bażi tal-għarfien ta' appoġġ, eċċ.).	Sad-data tat-talba konġunta mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA lill-Kummissjoni biex tiddikjara t-tlestija b'suċċess tal-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni
11	Kredenzjali tal-aċċess għall-applikazzjoni	Trasferiment tal-listi tal-utenti u tal-kredenzjali rilevanti lill-eu-LISA filwaqt li jitqiesu l-miżuri ta' sigurtà u r-rakkomandazzjonijiet għal dan it-tip ta' *data*.	L-utenti rċevew il-kredenzjali tagħhom u l-informazzjoni dwar il-konnessjoni.	Sal-1 ta' Lulju 2023

12	Akkwiżizzjoni tal-attivitajiet ta' implimentazzjoni	Backlog, ippjanar u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti jew Talbiet għal Tibdil (RfCs) jew biljetti relatati;	L-attivitajiet ta' implimentazzjoni huma identifikati b'mod ċar u dawk miftuħa huma ppjanati għat-tlestija	Sal-1 ta' Lulju 2023
13	Akkwiżizzjoni tal-attivitajiet ta' żvilupp	Backlog, ippjanar u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti jew RfCs jew biljetti relatati;	L-attivitajiet ta' żvilupp huma identifikati b'mod ċar u dawk miftuħa huma ppjanati għat-tlestija	Sal-1 ta' Lulju 2023
14	Akkwiżizzjoni tal-attivitajiet ta' ttestjar	Backlog, ippjanar u kwalunkwe dokumentazzjoni rilevanti jew RfCs jew biljetti relatati;	L-attivitajiet ta' ttestjar huma identifikati b'mod ċar u dawk miftuħa huma ppjanati għat-tlestija	Sal-1 ta' Lulju 2023
15	Akkwiżizzjoni tal-attivitajiet ta' Ġestjoni ta' Tibdil u ta' Rilaxx	Backlog, ippjanar u kwalunkwe RfCs jew dokumentazzjoni rilevanti;	Il-RfCs miftuħa kollha u l-pjan ta' rilaxx ġew akkwiżiti u integrati fil-pjan ġenerali tal-proġett	Sal-1 ta' Lulju 2023
16	Disponibbiltà tal-infrastruttura u l-ġestjoni tal-infrastruttura	Ir-rekwiżiti tal-infrastruttura kollha riċevuti u implimentati. L-assi kollha identifikati minn e-CODEX disponibbli u pprovduti lill-eu-LISA.	Il-komponenti kollha huma disponibbli għall-partijiet ikkonċernati kollha kif meħtieġ. Għall-infrastruttura tal-iżvilupp, l-eu-LISA tikkonferma l-istruttura u l-operazzjoni.	Sal-1 ta' Lulju 2023
17	Ġestjoni tas-sigurtà	Ir-rekwiżiti u r-rakkomandazzjonijiet kollha tas-sigurtà kkomunikati u implimentati mill-eu-LISA.	Id-dokumentazzjoni li ġejja għandha tkun disponibbli: — Politika ta' sigurtà; — Pjan ta' sigurtà; — Miżuri ta' sigurtà għall-ġestjoni tal-utent; — Pjan għall-kontinwità tal-operat. L-eu-LISA jenħtieġ li tikkonferma l-implimentazzjoni tagħhom.	Sal-1 ta' Lulju 2023
18	Pjan ta' Komunikazzjoni	Jeħtieġ li jiġi stabbilit pjan ta' komunikazzjoni sabiex l-utenti u l-partijiet ikkonċernati kollha jiġu infurmati dwar il-bidla li jmiss fil-forniturі tas-servizzi u dwar il-kanali u l-proċeduri l-ġodda ta' komunikazzjoni.	Notifiki riċevuti mill-eu-LISA mill-utenti u mill-partijiet ikkonċernati kollha qabel tmiem il-perjodu ta' trasferiment/akkwiżizzjoni biex jiġu infurmati dwar il-proċeduri ta' ħidma l-ġodda: il-kredenzjali, l-URLs, is-siti web, l-għodda tal-biljetti...	Sal-1 ta' Lulju 2023

19	Allinjament finali tad-*data*	Dispożizzjoni finali tad-diskrepanza fl-assi pprovduti lill-eu-LISA fil-bidu tal-proċess ta' trasferiment/ akkwiżizzjoni.	1. Verifika tal-konnessjoni għall-komponenti neċessarji kollha kif meħtieġ mill-utenti u l-partijiet ikkonċernati (servers aċċessibbli); 2. Importazzjoni tal-aħħar sitwazzjoni; 3. L-aġġornamenti kollha meħtieġa jiġu installati fuq is-servers meta applikabbli; 4. Forniment ta' passwords skont l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX lill-eu-LISA meta applikabbli; 5. Id-differenza bejn il-pakkett inizjali mgħoddi lill-eu-LISA fil-bidu tal-proċess ta' trasferiment/akkwiżizzjoni u fi tmiemu jiġi importat fl-infrastruttura rilevanti.	Fl-1 ta' Lulju 2023
20	Ftehim bejn l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA dwar it-tlestija b'suċċess tal-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni -31ta'Diċembru2023	Ftehim bejn l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u eu-LISA dwar l-issodisfar tal-kriterji għal proċess ta' trasferiment b'suċċess u għat-tlestija b'suċċess ta' dak il-proċess	Talba konġunta mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA lill-Kummissjoni biex tiddikjara t-tlestija b'suċċess tal-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni	Bejn l-1 ta' Lulju u l-

7. DRITTIJIET TA' PROPRJETÀ INTELLETTWALI JEW DRITTIJIET TA' UŻU

L-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX għandha tittrasferixxi lill-eu-LISA d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u d-drittijiet ta' użu relatati mas-sistema e-CODEX u l-prodotti tas-software ta' appoġġ, id-dokumentazzjoni u assi oħra elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2022/850 sad-data tat-talba konġunta mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA lill-Kummissjoni biex tiddikjara t-tlestija b'suċċess tal-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni.

L-eu-LISA għandha tirċievi dawn id-drittijiet mingħajr ħlas u mingħajr ebda limitazzjoni, u ssir is-sid uniku tagħhom.

L-eu-LISA għandha tkompli tipprovdi dawk il-komponenti tas-software u l-verżjonijiet sussegwenti tagħhom skont il-Liċenzja Pubblika tal-Unjoni Ewropea (EUPL).

8. KRONOLOĠIJA

Kronoloġija, kundizzjonali fuq id-disponibbiltà ta' kull entità (l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA), se tiġi rieżaminata u vvalidata fl-ewwel laqgħa ta' orjentazzjoni.

Durata tal-masterclasses (indikazzjoni):

	Komponent	Appoġġ għat-Trasferiment	Durata (indikazzjoni)	Sekwenza
Elementi li għandhom jiġu żviluppati u operati	Għodda għall-Ġestjoni tal-Konfigurazzjoni - CMT	Dokumentazzjoni Masterclass "CMT"	jumejn	ir-raba'
	Pjattaforma Ċentrali tal-Ittestjar - CTP	Dokumentazzjoni Masterclass "CTP"	jumejn	il-ħames
	Server tar-Repożitorju (bħalissa: Nexus)	Masterclass "Żvilupp u infrastruttura"	jumejn	is-sitt
	Server tal-Integrazzjoni (bħalissa: Jenkins)			
	Repożitorju tal-Kodiċi tas-Sors (bħalissa: Gitblit)			
Elementi li għandhom jiġu żviluppati u mwettqa	Arkitettura e-CODEX	Dokumentazzjoni Masterclass "Ħarsa Ġenerali lejn l-e-CODEX"	4 ijiem	l-ewwel
	Connector Suite	Dokumentazzjoni Masterclass "Konnettur"	20 jum	it-tieni
	Skemi tal-Każ ta' Użu	Dokumentazzjoni Masterclass "Skemi"	10 ijiem	it-tielet

9. **L-ISTRUTTURA TAR-RAPPORT TA' TRASFERIMENT GĦANDHA TIĠI PPROVDUTA MILL-ENTITÀ LI TIMMANIĠĠJA S-SISTEMA e-CODEX**

Ir-rapport ta' trasferiment se jkun sommarju tal-attivitajiet kollha mwettqa fl-ambitu tat-trasferiment:

(a) Lista tal-assi u tal-artefatti pprovduti lill-eu-LISA fi tmiem il-perjodu ta' trasferiment;

(b) Deskrizzjoni u kontenut tas-sessjonijiet ta' ħidma kollha organizzati matul it-trasferiment;

(c) Lista ta' preżentazzjonijiet u dokumenti relatati mogħtija matul is-sessjonijiet ta' ħidma;

(d) Lista ta' tagħlimiet meħuda;

(e) Lista ta' kwistjonijiet miftuħa fi tmiem it-trasferiment;

(f) Konklużjoni u tħejjija tal-eu-LISA.

10. **STRUTTURA TAR-RAPPORT TA' AKKWIŻIZZJONI LI GĦANDU JIĠI PPROVDUT MILL-eu-LISA**

Ir-riżultat tanġibbli ewlieni prodott mill-eu-LISA matul din il-fażi huwa r-rapport ta' akkwiżizzjoni. Dan id-dokument se jkun fih, fost l-oħrajn, informazzjoni dwar:

(a) L-istat ta' tħejjija sabiex takkwiżixxi l-proġett;

(b) Dimostrazzjoni, għal kull proċess, li l-eu-LISA hija tabilħaqq lesta li takkwiżixxi l-attivitajiet;

(c) ir-rapport se jelenka l-pjan tat-test li jsir u r-riżultati ta' kull test. Il-kopertura tat-test għandha tinkludi l-assi u l-attivitajiet kollha mwettqa matul dan il-perjodu, u skont il-kriterji ta' tlestija definiti aktar kmieni f'dan id-dokument.

Tal-inqas il-punti li ġejjin jenħtieġ li jkunu preżenti fid-dokument tar-rapport tal-akkwiżizzjoni:

(a) Miżuri ta' sigurtà;

(b) Trasferiment u akkwiżizzjoni tal-għarfien:

  (i) Trasferiment ta' dokumentazzjoni;

  (ii) Trasferiment tad-*data*;

  (iii) Trasferiment ta' biljetti (dawk magħluqa u miftuħa);

  (iv) Laqgħat tekniċi;

  (v) Sessjonijiet ta' taħriġ;

  (vi) Sessjoni prattika;

  (vii) Sessjonijiet ta' shadowing;

  (viii) Jekk applikabbli, sessjonijiet ta' prattika paralleli.

(c) Proċedura fis-seħħ meta applikabbli;

(d) Finalizzazzjoni tal-proċess ta' akkwiżizzjoni u azzjonijiet cut-off:

  (i) Konnettività tas-sistema e-CODEX (il-komponenti kollha meħtieġa aċċessibbli);

  (ii) Backups tad-*data* fis-seħħ;

  (iii) L-aġġornamenti kollha meħtieġa jiġu installati fuq is-servers;

  (iv) Trasferiment tal-kredenzjali u tal-password.

APPENDIĊI

STRUTTURA TAD-DOKUMENT KOMUNI TA' TRASFERIMENT

Reġistru tat-tibdil tad-dokument

Edizzjoni	Data tal-Ħruġ		Paragrafi modifikati	Modifiki

WERREJ

1. DOKUMENTI TA' REFERENZA U APPLIKABBLI 51
1.1. Dokumenti ta' referenza 51
1.2. Dokumenti applikabbli 51
2. TERMINOLOĠIJA 51
2.1. Abbrevjazzjonijiet u akronimi 51
3. INTRODUZZJONI 51
3.1. Għan tad-Dokument 51
3.2. Udjenza fil-Mira 51
4. SUPPOŻIZZJONIJIET U RISKJI 52
4.1. Suppożizzjonijiet u prerekwiżiti 52
4.2. Riskji 52
5. APPROĊĊ TA' TRASFERIMENT U AKKWIŻIZZJONI 52
5.1. Laqgħa introduttiva 52
5.2. Laqgħat ta' sinkronizzazzjoni 52
5.3. Pjan ta' Trasferiment 52
5.4. Trasferiment inizjali tal-assi 53
5.4.1. Applikazzjonijiet 53
5.4.2. Dokumentazzjoni 53
5.4.3. Proċeduri 53
5.4.4. Backlog (RfC, Biljetti, Kwistjonijiet, eċċ...) 53
6. TRASFERIMENT FINALI TAL-ASSI 53
6.1. Applikazzjonijiet 53
6.2. Dokumentazzjoni 53
6.3. Proċeduri 53
6.4. Backlog (RfC, Biljetti, Kwistjonijiet, eċċ.) 53
7. TRASFERIMENT TAL-GĦARFIEN 53
8. DETTALJI TA' KUNTATT TAT-TRASFERIMENT 53
9. DETTALJI TA' KUNTATT TAL-AKKWIŻIZZJONI 53
10. ĦTIĠIJIET TAL-INFRASTRUTTURA FL-EU-LISA 53
10.1. Applikazzjonijiet 53
10.2. Rekwiżiti tal-hardware/tas-sistema 54
10.3. COTS (prodott kummerċjalment disponibbli) 54

11. REKWIZITI TA' SIGURTÀ 54
12. SKEDA TAS-SESSJONI TA' ĦIDMA 54
12.1. Sessjoni ta' ħidma ġenerali dwar is-servizzi kollha 54
12.2. Sessjonijiet ta' Ħidma dwar il-Helpdesk u l-Operazzjonijiet 54
12.3. Sessjonijiet ta' Ħidma dwar l-Installazzjoni u l-Ittestjar 54
12.3.1. Installazzjonijiet 54
12.3.2. Ittestjar 55
12.3.3. Sessjonijiet ta' ħidma dwar suġġetti oħra 55
12.3.4. Mistoqsijiet & tweġibiet u Sessjonijiet ta' Ħidma dwar is-Shadowing 55
13. KRITERJI GĦAL PROĊESS TA' TRASFERIMENT B'SUĊĊESS U GĦAT-TLESTIJA B'SUĊĊESS TA' DAK IL-PROĊESS 55
14. PERJODU TA' SHADOWING, TRASFERIMENT TAR-RESPONSABBILTÀ U PERJODU TA' SEGWITU 55
15. IPPJANAR 55
15.1. Ippjanar ta' livell għoli 55
15.2. Ippjanar dettaljat 55
16. PJAN TAT-TEST TA' AKKWIŻIZZJONI 55
17. MATERJAL TA' TRASFERIMENT 56
18. DISPOŻIZZJONIJIET DWAR ID-DRITTIJIET TA' PROPRJETÀ INTELLETTWALI U D-DRITTIJIET TA' UŻU 56

Tabella ta' Tabelli (mhux obbligatorja)

Tabella 1: Dokumenti ta' referenza

Tabella 2: Dokumenti applikabbli

Tabella 3: Abbrevjazzjonijiet u akronimi

Nota: It-test imdaħħal fit-taqsimiet tad-dokument li ġejjin huwa pprovdut biss bħala eżempju għall-finijiet ta' kjarifika. L-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u t-timijiet tal-eu-LISA jistgħu jadattaw l-istruttura tiegħu kif meħtieġ sabiex iwettqu l-attivitajiet tagħhom, dment li jkun fih informazzjoni dettaljata dwar il-punti elenkati fit-taqsima 3 tal-Anness.

1. DOKUMENTI TA' REFERENZA U APPLIKABBLI

1.1. Dokumenti ta' referenza

ID	Titolu	Referenza	Verżjoni

Tabella 1: Dokumenti ta' referenza

1.2. Dokumenti applikabbli

ID	Titolu	Referenza	Verżjoni

Tabella 2: Dokumenti applikabbli

2. TERMINOLOĠIJA

2.1. Abbrevjazzjonijiet u akronimi

Abbrevjazzjoni jew Akronimu	Tifsira

Tabella 3: Abbrevjazzjonijiet u akronimi

3. INTRODUZZJONI

3.1. Għan tad-Dokument

[L-għan ta' dan id-dokument huwa li jiddeskrivi l-approċċ li se jiġi segwit għall-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni tas-sistema e-CODEX. It-trasferiment u l-akkwiżizzjoni jkopru t-tranżizzjoni tad-dokumenti u l-pakketti tal-applikazzjonijiet kollha kif ukoll it-trasferiment tal-għarfien mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX lill-eu-LISA.]

3.2. Udjenza fil-Mira

[Lista tal-udjenza fil-mira għandha tiżdied f'din it-taqsima]

4. SUPPOŻIZZJONIJIET U RISKJI

4.1. Suppożizzjonijiet u prerekwiżiti

[Is-suppożizzjonijiet u l-prerekwiżiti identifikati kemm mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX kif ukoll mill-eu-LISA jeħtieġ li jiġu identifikati b'mod ċar u elenkati f'din it-taqsima]

4.2. Riskji

[L-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA se jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex il-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni jirnexxi u biex ir-riskji jiġu mitigati. Kwalunkwe riskju li ma jistax jiġi mitigat u li jaffettwa l-eżitu tal-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni se jiġi eskalat lill-Kummissjoni mill-aktar fis possibbli.]

Riskju	Sid tar-riskju	Mitigazzjoni

5. APPROĊĊ TA' TRASFERIMENT U AKKWIŻIZZJONI

[L-għan tat-trasferiment huwa li:

— Iwettaq trasferiment fiżiku tal-materjal kollu meħtieġ (pakketti ta' software, dokumentazzjoni, biljetti, eċċ.);

— Iwettaq trasferiment tal-għarfien dwar l-applikazzjoni permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma ta' taħriġ u sessjonijiet ta' shadowing;

— Iwettaq trasferiment tal-għarfien operazzjonali permezz ta' sessjonijiet ta' ħidma ta' taħriġ u sessjonijiet ta' shadowing;

— Jittrasferixxi r-responsabbiltà mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX lill-eu-LISA għas-servizzi kollha;

Għall-attivitajiet ta' akkwiżizzjoni, l-objettiv huwa li jitwettaq trasferiment u akkwiżizzjoni tal-għarfien permezz ta':

— Parteċipazzjoni fit-trasferiment tal-għarfien, fis-sessjonijiet ta' appoġġ u taħriġ mogħtija mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX;

— Analiżi u valutazzjoni tal-istatus u l-użabilità tal-informazzjoni akkwistata. Jekk xi informazzjoni titqies li teħtieġ titjib, din tiġi eskalata lill-Kummissjoni;

— Organizzazzjoni, monitoraġġ u rfinar tat-tħaddim parallel (prova) tal-proġett jekk applikabbli;

— Parteċipazzjoni f'laqgħat tekniċi *ad-hoc* mal-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX;

— Tħejjija, integrazzjoni u applowdjar tad-*data* fl-għodod tal-eu-LISA.]

5.1. Laqgħa introduttiva

[L-attivitajiet kollha ta' trasferiment u akkwiżizzjoni jibdew b'laqgħa introduttiva mal-partijiet kollha involuti. Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet u l-ippjanar ta' livell għoli huma ppreżentati matul din il-laqgħa.]

5.2. Laqgħat ta' sinkronizzazzjoni

[Se jsiru laqgħat regolari ta' koordinazzjoni tal-ġestjoni (kull ġimagħtejn) mal-partijiet kollha sabiex isir segwitu dwar l-istatus tal-attivitajiet ta' trasferiment u ta' akkwiżizzjoni u biex l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX u l-eu-LISA jkunu jistgħu jissinkronizzaw l-attivitajiet tagħhom.]

5.3. Pjan ta' Trasferiment

[L-attivitajiet kollha ta' trasferiment huma deskritti fil-Pjan ta' Trasferiment, jiġifieri dan id-dokument.]

5.4. **Trasferiment inizjali tal-assi**

[Huwa ppjanat trasferiment inizjali tal-materjal kollu fil-bidu tal-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni. Dan jinkludi bħala minimu: l-aħħar verżjoni tal-pakketti tal-applikazzjonijiet (inkluża d-dokumentazzjoni), is-software aġġornat u l-inventarju tad-dokumentazzjoni, u estratt mill-bażi tad-*data* tal-biljetti (jew format ieħor).]

5.4.1. ***Applikazzjonijiet***

[Lista tal-assi li għandhom jiġu kkonsenjati għandha tiżdied hawn]

5.4.2. ***Dokumentazzjoni***

[Lista tal-assi li għandhom jiġu kkonsenjati għandha tiżdied hawn]

5.4.3. ***Proċeduri***

[Lista tal-assi li għandhom jiġu kkonsenjati għandha tiżdied hawn]

5.4.4. ***Backlog (RfC, Biljetti, Kwistjonijiet, eċċ...)***

[Lista tal-assi li għandhom jiġu kkonsenjati għandha tiżdied hawn]

6. **TRASFERIMENT FINALI TAL-ASSI**

[Mat-trasferiment tar-responsabbiltà, l-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX se tipprovdi verżjoni finali (aġġornata) ta' kwalunkwe assi li ġie mmodifikat matul il-perjodu ta' trasferiment u akkwiżizzjoni kif ukoll estratt ġdid tal-bażi tad-data tal-biljetti (jew format ieħor).]

6.1. **Applikazzjonijiet**

[Lista tal-assi li għandhom jiġu kkonsenjati għandha tiżdied hawn]

6.2. **Dokumentazzjoni**

[Lista tal-assi li għandhom jiġu kkonsenjati għandha tiżdied hawn]

6.3. **Proċeduri**

[Lista tal-assi li għandhom jiġu kkonsenjati għandha tiżdied hawn]

6.4. **Backlog (RfC, Biljetti, Kwistjonijiet, eċċ.)**

[Lista tal-assi li għandhom jiġu kkonsenjati għandha tiżdied hawn]

7. **TRASFERIMENT TAL-GĦARFIEN**

[It-trasferiment tal-għarfien tal-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX isir matul diversi sessjonijiet ta' ħidma u sessjoni(jiet) ta' shadowing li jsiru matul il-perjodu ta' trasferiment u akkwiżizzjoni. Dan l-approċċ u l-appoġġ matul il-perjodu ta' segwitu se jiżguraw it-trasferiment sħiħ tal-għarfien tal-operazzjonijiet.

Is-sessjonijiet ta' ħidma kollha se jkunu bbażati fuq preżentazzjonijiet/dokumenti ddedikati, użati minn taħriġ preċedenti jew magħmula apposta mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX. Il-preżentazzjonijiet jingħataw lill-eu-LISA ġimgħa qabel kull sessjoni ta' ħidma.]

8. **DETTALJI TA' KUNTATT TAT-TRASFERIMENT**

[Żid id-dettalji ta' kuntatt hawnhekk]

9. **DETTALJI TA' KUNTATT TAL-AKKWIŻIZZJONI**

[Żid id-dettalji ta' kuntatt hawnhekk]

10. **ĦTIĠIJIET TAL-INFRASTRUTTURA FL-EU-LISA**

10.1. Applikazzjonijiet

10.2. Rekwiżiti tal-hardware/tas-sistema

10.3. COTS (prodott kummerċjalment disponibbli)

11. **REKWIZITI TA' SIGURTÀ**

[F'din it-taqsima, il-miżuri li għandhom jiġu stabbiliti mill-eu-LISA jenħtieġ li jiġu deskritti biex ikopru l-punti li ġejjin:

— Il-ġestjoni ġenerali tas-sigurtà fil-livell tal-proġett;

— Il-ġestjoni tas-sigurtà fil-livell tas-sistema li tkopri l-miżuri ta' sigurtà fil-livell tas-sistema e-CODEX kollha u l-komponenti kollha tagħha, inkluża l-infrastruttura,

— Il-ġestjoni tas-sigurtà fil-livell tal-applikazzjoni li tkopri l-applikazzjonijiet fl-ambitu tal-attivitajiet tal-eu-LISA;

— Il-ġestjoni tas-sigurtà fil-livell tan-network;

— Il-proċessi u l-proċeduri ta' ġestjoni tal-utenti għall-ġestjoni, l-aġġornament u l-manutenzjoni tal-lista tal-utenti awtorizzati, il-kredenzjali tal-utenti, id-drittijiet ta' aċċess u l-awtorizzazzjonijiet.

Barra minn hekk u jekk tintalab, l-eu-LISA jenħtieġ li tkun tista' tipprovdi d-dokumenti li ġejjin:

— Politika ta' sigurtà;

— Pjan ta' sigurtà;

— Miżuri ta' sigurtà għall-ġestjoni tal-utent;

— Pjan għall-Kontinwità tal-Operat li jinkludi r-rekwiżiti tal-Pjan ta' Rkupru minn Diżastri (DRP)]

12. **SKEDA TAS-SESSJONI TA' ĦIDMA**

12.1. **Sessjoni ta' ħidma ġenerali dwar is-servizzi kollha**

[Data	Żid Data
Durata	Żid Durata
Post	Żid Post
Udjenza	Kollha
Ambitu	Introduzzjoni u ħarsa ġenerali funzjonali tal-applikazzjonijiet u s-servizzi kollha tal-e-CODEX.]

12.2. **Sessjonijiet ta' Ħidma dwar il-Helpdesk u l-Operazzjonijiet**

[Data	Żid Data
Durata	Żid Durata
Post	Żid Post
Udjenza	Tim tal-Helpdesk
Ambitu	Appoġġ, trattament tal-inċidenti, rappurtar, notifiki, ġestjoni tas-sigurtà...]

12.3. **Sessjonijiet ta' Ħidma dwar l-Installazzjoni u l-Ittestjar**

12.3.1. ***Installazzjonijiet***

[Data	Żid Data
Durata	Żid Durata
Post	Żid Post
Udjenza	Tim tekniku
Ambitu	installazzjonijiet ta' verżjonijiet u patches]

12.3.2. ***Ittestjar***

[Data	Żid Data
Durata	Żid Durata
Post	Żid Post
Udjenza	Tim tal-ittestjar
Ambitu	ittestjar tal-applikazzjonijiet kollha]

12.3.3. ***Sessjonijiet ta' ħidma dwar suġġetti oħra***

[Data	Żid Data
Durata	Żid Durata
Post	Żid Post
Udjenza	Ad-Hoc
Ambitu	L-elementi kollha li jifdal]

12.3.4. ***Mistoqsijiet & tweġibiet u Sessjonijiet ta' Ħidma dwar is-Shadowing***

[Data	Żid Data
Durata	Żid Durata
Post	Żid Post
Udjenza	Ad-Hoc
Ambitu	Skont is-suġġett fl-ambitu]

13. **KRITERJI GĦAL PROĊESS TA' TRASFERIMENT B'SUĊĊESS U GĦAT-TLESTIJA B'SUĊĊESS TA' DAK IL-PROĊESS**

[Għandu jiġi elenkat f'konformità mal-kriterji msemmija fil-Kapitoli 5 u 6 tal-Anness u fl-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 6(1)(b) tar-Regolament (UE) 2022/850 ([2])*.]

14. **PERJODU TA' SHADOWING, TRASFERIMENT TAR-RESPONSABBILTÀ U PERJODU TA' SEGWITU**

15. **IPPJANAR**

15.1. **Ippjanar ta' livell għoli**

[Tista' tkun dijagramma bi stadji importanti]

15.2. **Ippjanar dettaljat**

[Fil-forma ta' fajl mpp]

16. **PJAN TAT-TEST TA' AKKWIŻIZZJONI**

[L-ambitu tal-proċess tat-test ta' akkwiżizzjoni huwa l-eżekuzzjoni ta' każijiet tat-test imħejjija biex jagħtu prova li l-għarfien tan-negozju nkiseb mill-eu-LISA u teżisti tħejjija għall-attivitajiet previsti li se jiġu akkwiżiti.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2022/850 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar sistema kompjuterizzata għall-iskambju elettroniku transfruntier ta' data fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kriminali (is-sistema e-CODEX), u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1726 (ĠU L 150, 1.6.2022, p. 1).

Kull każ tat-test se jiġi assenjat lit-tim(ijiet) speċifiku/speċifiċi, il-membru/i ta' kull tim se jkollhom jikkollaboraw sabiex iwettqu l-eżekuzzjoni tal-passi speċifiċi. Il-kompitu tal-Eżekutur tat-Test huwa li jwettaq l-eżekuzzjoni tal-każijiet tat-test kif definit f'dan il-pjan tat-test, jinterpreta u jiddokumenta r-riżultat għal kull każ tat-test.

Il-kriterji ta' aċċettazzjoni huma definiti fl-Anness.

Il-każijiet tat-test jenħtieġ li jkopru l-elementi kollha elenkati fl-approċċ ta' trasferiment u akkwiżizzjoni.

Matul il-proċess ta' trasferiment u akkwiżizzjoni, il-Pjan tat-Test jista' jittejjeb kif xieraq u l-Każijiet tat-Test dettaljati jistgħu jiżdiedu f'każ li jkun hemm bżonn.

Ir-rapport tat-test se jelenka l-eżitu ta' kull test.]

17. **MATERJAL TA' TRASFERIMENT**

[Lista dettaljata tal-materjal identifikat fl-ambitu ta' trasferiment u akkwiżizzjoni, u li se tkun disponibbli għall-eu-LISA.]

18. **DISPOŻIZZJONIJIET DWAR ID-DRITTIJIET TA' PROPRJETÀ INTELLETTWALI U D-DRITTIJIET TA' UŻU**

[Dikjarazzjoni eżawrjenti mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX dwar id-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u d-drittijiet ta' użu rigward il-komponenti kollha tas-sistema e-CODEX u l-prodotti tas-software ta' appoġġ, id-dokumentazzjoni u assi oħra elenkati fl-Anness tar-Regolament (UE) 2022/850.

Dikjarazzjoni mill-entità li timmaniġġja s-sistema e-CODEX li hija u l-membri tagħha huma legalment f'pożizzjoni li jittrasferixxu lill-eu-LISA d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u d-drittijiet ta' użu kollha msemmija hawn fuq b'mod li jippermetti lill-eu-LISA twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2022/850.]